

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1159/2014, tat-30 ta' Ottubru 2014, li jimplementa l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja, sa fejn dan jikkonċerna r-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew li jixxiebhu lil dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-693/13, Mikhalchanka vs il-Kunsill <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU 2014, C 93, p. 25.

---

### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2015 – K-Swiss vs UASI (Strixxi paralleli fuq żarbun)

(Kawża T-3/15)

(2015/C 065/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: K-Swiss, Inc. (California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Niebel, u M. Hecht, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea għal trade mark figurattiva (Rappreżentazzjoni ta' ħames strixxi paralleli fuq il-ġenb ta' żarbun tal-isports) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni internazzjonali Nru 932 758

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 1093/2014-2

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u 76 tar-Regolament Nru 207/2009;

---

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2015 – Beiersdorf vs UASI (Q10)

(Kawża T-4/15)

(2015/C 065/73)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Beiersdorf AG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck u J. Fuhrmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)